MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 79/7

Il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2017

Il-Kunsilli Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Demelsa Grech – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

NIL

ASSENTI

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

79.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

79.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (76/7 [12/12/16], 77/7 [15/12/16] u 78/7 [20/12/16])

79.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

79.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

79.5 Rapporti;

79.6 Estimi Finanzjarji 2017

79.7 Rapport Amministrattiv 2016, Pjan ta' Ħidma u materjal ieħor relatat mal-laqgħa pubblika

79.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

79.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

-----------------------------------------------------------

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 79.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

79.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr li l-Kunsill kien irċieva nota mingħand s-Sa. Grech li kienet tista' tasal xi ftit tard. Fil-fatt s-Sa. Grech waslet fis-6.09pm.

## 79.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (76/7 [12/12/16], 77/7 [15/12/16] u 78/7 [20/12/16])

79.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel din il-laqgħa u b'mod unanimu kien hemm qbil li jiġu meħuda bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

79.2.2 Punti li tqajmu mill-minuti nru 77/7 (15/12/2016). Is-Sur Caruana qal li huwa kien diġà informa lill-Kunsilli illi kien sejjer jasal tard minħabba impenji oħra li ma setax jevita. Is-Sur Caruana qal li fil-fatt huwa wasal, fil-fehma tiegħu, fis-6.35pm u sab li l-laqgħa kienet diġà ġiet aġġornata u li l-bieb tal-Kunsill kien magħluq. Is-Sur Caruana qal li huwa dejjem jagħmel dak kollu possibbli sabiex ikun preżenti għal-laqgħat kollha tal-Kunsill kif ukoll jaħdem f'diversi oqsma fi ħdan il-Kunsill.

## 79.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

79.3.1 Laqgħa mad-diriġenti tat-TM u s-Sur M. Cohen (konsulent tal-kunsilli lokali) fuq diversi temi. Is-Sindku qal li flimkien miegħu dawn semgħu bid-diversi pendenzi tal-Kunsill u żaru diversi siti fil-Gudja u fil-madwar bil-għan li jifhmu sewwa l-ħtiġijiet, speċjalment dawk urġenti fil-Gudja u fil-madwar.

a. Triq il-Kbira – one way except for residents and to render a service. Is-Sindku qal li dawn l-uffiċjali qablu li din għandha tiġi approvata. Fil-fatt il-Kunsill issa rċieva l-approvazzjoni tat-TM.

b. Tiswija tal-parti tat-triq fejn hemm bus shelter fl-inħawi ta' Palazz d'Aurel kantuniera ma' Triq Ħal Għaxaq.

c. *Bollards* ħdejn Palazzo d'Aurel. Il-Kunsill kompla jesplora l-possibilità li dawn jinbidlu kif meħtieġ minn TM jew sorsi oħra u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jutilizza flusu f'xogħlijiet oħra.

d. L-inħawi Tax-Xlejli, l-inħawi Tal-Mitħna u Triq Joseph Gravina. Is-Sindku qal li flimkien mad-diriġenti tat-TM, huwa kien iddiskuta miżuri kif it-traffiku jkun jista' jimxi aħjar u jkun hemm miżuri sabiex jieħdu ħsieb is-sigurtà kemm għall-*pedestrians* kif ukoll għas-sewwieqa.

e. L-inħawi ta' fejn hemm l-ATM u pastizzerija kif ukoll bini residenzjali f'Dawret il-Gudja. Is-Sindku qal li huwa qajjem dawn il-punti li ġew diskussi u approvati mill-Kunsill u jistenna risposta pożittiva mit-TM.

79.3.2 Ħruġ ta' tender dwar id-dawl tat-toroq. Is-Sindku qal li l-President tar-Reġjun tan-Nofsinhar is-Sur Jesmond Aquilina ta x'wieħed jifhem li l-ħruġ ta' sejħa għal offerta b'mod kollettiv jista' jġib prezz aħjar u kull Kunsill jibqa' jopera kif qed jopera preżentament. Saret diskussjoni fejn kien hemm qbil li huwa tajjeb li l-Kunsill jissieħeb mar-Reġjun u jkun hemm għaqda għax dan jista' jikseb l-aħjar prezz kompetittiv u vantaġġjuż għall-kunsilli rispettivi.

Id-dubju jqum jekk l-affarijiet jinbidlu u l-offerta kollettiva tkun tfisser li l-Kunsill jitlef il-possibilità li jikseb is-servizz direttament mingħand il-kuntrattur. Dan ikun ukoll ifisser li jkun hemm dewmien li l-Kunsill jikseb is-servizz meħtieġ.

Il-Kunsill irid iżomm ir-relazzjoni diretta mal-kuntrattur u ma jittollera l-ebda dewmien aktar minn tlett ijiem li jikseb is-servizz meħtieġ.

Meta dan l-aħħar fil-festi tal-Milied inqalgħu diversi ħsarat, il-kuntrattur kien kostrett li jindirizza ċertu prijorità skont il-ġudizzju tiegħu u dan ġab xi tgergir qalb ir-residenti. Għalhekk il-Kunsill irid jassigura li f'kull ftehim dwar dan is-servizz, jagħmilha ċara li tiġi addottata sistema li kull sejħa għas-servizz li jitlob il-Kunsill, għandha tiġi attwata mill-aktar fis u bla dewmien.

Waqt id-diskussjoni qam il-punt ukoll li ħruġ ta' offerta b'mod kollettiv tista' wkoll tkun il-bidu li titwitta t-triq sabiex il-Kunsill jidħol responsabbli dwar ħlas ta' konsum tad-dawl tal-ġonna u spazji oħra pubbliċi.

Minħabba dawn il-punti li tqajmu l-Kunsill iħoss li qabel jieħu deċiżjoni finali l-Kunsill għandu jikteb lill-Presidenti tar-Reġjun sabiex jikseb informazzjoni u kjarifika dwar dawn il-punti.

a. li l-Kunsill jibqa' jżomm l-indipendenza tiegħu u l-fakultà li jitlob għas-servizz direttament. Mhux aċċettabbli li l-Kunsill ikun kostrett li jirrikorri għal xi sistema ċentrali li tkun is-sistema ċentralizzata li tgħaddi t-talba tal-Kunsill lill-kuntrattur;

b. Il-Kunsill jagħmel talba għas-servizz direttament lill-kuntrattur, il-kuntrattur jagħmel talba għal ħlas direttament lill-Kunsill mingħajr ma jkun hemm xi intervent ieħor.

c. Is-servizz għandu jingħata fl-aqsar żmien iżda mhux aktar tard minn tlett ijiem minn meta l-Kunsill jagħmel talba direttament lill-kuntrattur.

d. Il-Kunsill għandu jkollu konferma mir-Reġjun li jekk u meta l-Kunsill jiftiehem li jingħaqad ma' Kunsilli oħra li jifformaw ir-Reġjun dan bl-ebda mod ma jkun ifisser ukoll li l-Kunsill ikun qed jidħol responsabbli għal xi konsum tal-elettriku għall-ġonna u spazji oħra miftuħa ġewwa l-Gudja.

79.3.3 Ħlas ta' *allowance* lill-Kunsilliera skont il-liġi dwar il-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal li kif intqal fil-laqgħa preċedenti, l-Kunsill ġie kostrett li jimxi strettament ma' dak li tgħid il-liġi Kap 363 tema 32.2. Kien hemm konswetudni li meta Kunsillier ikun informa lill-Kunsill li ma jkunx jista' jattendi minħabba raġunijiet serji, il-Kunsill kien jaqbel li l-Kunsillier/a jiġi jew tiġi skużat/a u b'hekk l-attendenza ma tiġix affettwata ħażin. Is-Sindku qal sa żmien ilu kienet qed issir talba sabiex din il-konswetudni tkompli u b'hekk l-*allowance* ma tiġix affettwata ħażin billi tiġi mnaqqsa. Dan wassal li fejn kien hemm xi attendenza nieqsa (iżda skużat/a) il-ħlas ta' din l-*allowance* ma sarx sal-aħħar tas-sena kif kien isir fi drabi oħra.

Is-Sindku qal li fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill kien kostrett li joħroġ il-pagament strettament skont l-attendenza u bil-wegħda li jekk ikun hemm direttiva ċara, il-Kunsill jimxi ma' din id-direttiva u jagħmel aġġustamenti kif ikun meħtieġ.

Fl-opinjoni tal-Kunsilliera preżenti x-xogħol li jwettaq kull kunsillier ma jsirx biss waqt il-laqgħa tal-Kunsill għax din hija parti minima u kważi insinifikati fil-ħidma ta' kull kunsillier.

Is-Sur Baldacchino qal li qed iħossu mweġġa' mill-fatt li peress li huwa naqas milli jattendi xi ftit laqgħat minħabba li kellu jassisti lil membru tal-familja anzjan li kien jinstab indispost.

Is-Sur Baldacchino qal li għalkemm ma kienx attenda għal-laqgħat huwa xorta waħda ta l-attenzjoni massima għall-oqsma fdati lilu speċjalment l-ambjent. Huwa qal li dwar l-ambjent huwa jaħdem f'kull ħin, kif ukoll jaħdem ħafna dwar is-servizz tal-elettriku tat-toroq, ġonna u spazji pubbliċi.

Għal dawn ir-raġunijiet u peress li huwa kien jaħdem b'mod responsabbli u b'entużjażmu anke meta ma kienx hemm *allowance,* huwa kien qed jirrifjuta l-pagament imnaqqas u kien qed jirritorna ċ-ċekk lill-Kunsill b'mod immedjat.

Il-Kunsilliera l-oħra kollha qablu ma' dawk is-sentimenti kif espressi mis-Sur Baldacchino u huma wkoll tal-fehma li x-xogħol u r-responsabilità ta' kull Kunsillier għandu jiġi apprezzat u vvalutat aħjar.

Fil-Kunsill ma tagħmilx sens li l-*allowance* tiġi maħduma fuq l-attendenza tal-laqgħat għaliex wieħed jista' biss jattendi għal laqgħa jew parti minnha u mbagħad ma jaħdem xejn b'risq ir-residenti.

Is-Sur Sammut qal li huwa jħoss li l-amministrazzjoni tal-Kunsill hija kostretta li timxi mal-liġi u direttivi li joħroġ id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.  Huwa s-Sindku li għandu jitkellem dwar dan.

Is-Sur Sammut qal li b'dak li qed jiġri huwa li l-ħidma tal-Kunsill u ta' kull kunsillier qed tiġi żvalutata u l-Kunsill qed kull ma jmur jitlef l-awtonomija tiegħu.

Is-Sur Sammut talab lis-Sindku sabiex iressaq dan quddiem ir-Reġjun għax din hija fir-responsabilità tiegħu li jagħmel dan.

Is-Sindku wieġeb li huwa dejjem xtaq li l-Kunsill jimxi bħalma kien qed jagħmel qabel u żgur li ma kellu l-ebda għan li jnaqqas xi forma ta' kumpens lil xi Kunsillier.

Is-Sindku wieġeb li sejjer ikompli jaħdem li ssir ġustifikazzjoni u possibbilment il-pożizzjoni terġa' tkompli tinħadem bħalma kien qed isir qabel u l-Kunsill jaħdem bl-awtonomija kif meħtieġa.

## Aġġornament

Il-Kunsilliera preżenti ġibdu l-attenzjoni tas-Sindku li kien qed isir il-ħin peress li fis-7.00pm kienet imsejħa l-laqgħa pubblika annwali.  Bi qbil unanimu s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-6.48pm

Bi qbil unanimu s-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar 2017 fis-6.00pm.  Dan sar wara li kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera kollha preżenti li t-terminu ta' ġranet li fih għandu jingħata avviż dwar il-laqgħa tal-Kunsill (għal din id-darba) għandu jiġi mwarrab.

Konfermati, illum ________________________

| | |
|---|---|
| John Mary Calleja | Ranier Busuttil |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |